2 ta' Mejju, 1955

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Geralomo Vassallo *versus* Salvatore Chetcuti

**Atti Ġudizzjarji — Korrezzjoni — Żball fl-Ismijiet tal-Partijiet — Appell — Liberazzjoni "ab observantia" — Board tal-Kera.**

*Il-korrezzjoni ta' żbalji fl-isem tal-partijiet ma tistax tiġi akkordata f'sede ta' appell.*

*Minħabba żball simili, is-sentenza fl-appell għandha tiġi revokata.*

*Fil-każ preżenti, ir-rikorrent quddiem il-Board tal-Kera kellu ismu indikat ħażin fir-rikors. Hu ssokkomba u appella. Fl-appell irrileva li ismu fir-rikors quddiem il-Board kien indikat ħażin, u talab il-korrezzjoni opportuna. Il-Qorti ta' l-Appell, wara li affermat dan il-prinċipju, irrevokat is-sentenza appellata u lliberat lill-intimat appellat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

Il-Qorti ; Rat it-talba ta' Gerolamo Vassallo quddiem il-Board li Jirregola l-Kera, fejn talab biex jerġa jieħu taħt idejh il-fond Nru. 17, Tower Road, Bubaqra, Żurrieq, u dan għaliex irid il-fond għalih u fih ħsarat ħafna ;

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dak il-Board fit-22 ta' Diċembru, 1954, li biha ġiet miċħuda t-talba, bl-ispejjeż ; wara li kkunsidra ;

*Omissis ;*

Rat ir-rikors tal-imsemmi Gerolamo Vassallo quddiem din il-Qorti, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat ;

*Omissis ;*

Rat il-verbal meħud fis-seduta tat-18 ta' April, 1955, minn fejn jidher li l-appellant, billi ddikjara li ismu Gaetano, talab li l-isem "Gerolamo" jiġi fl-atti kollha korrett f'dak ta' "Gaetano" ;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-korrezjoni mitluba mill-appellant ma tistax tiġi akkordata f'dina l-istanza, għar-raġunijiet żvolti minn din il-Qorti fis-sentenza in re "Theuma vs. Rolando Speranza" tat-18 ta' Novembru, 1921 (Vol. XXIV-parte I, paġ. 872), in re "Balzan vs. Dr. Vassallo" tad-29 ta' Jannar, 1923 (Vol. XXV, parte I, paġ. 338), in re "Pace vs. Sciberras" tas-6 ta' Diċembru, 1927 (Vol. XXVI, parte I, paġ. 632), in re "D'Alfonso vs. Oliver" tal-21 ta' Frar, 1951 (Vol. XXXV, parte I, paġ. 247), u in re "Tonna vs. Bonavia" tat-22 ta' Ottubru, 1951 (Vol. XXXV, parte I, paġ. 173);

Ikkunsidrat;

Illi, minħabba f'dak l-iżball fl-isem tal-appellant, is-sentenza appellata għandha tiġi revokata, u l-appellat Salvatore Chetcuti għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Għaldaqshekk;

Tirrevoka s-sentenza appellata, u tilliberа lill-appellat Chetcuti mill-osservanza tal-ġudizzju. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant Vassallo.